**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum l-Erbgha 23 ta` Ottubru 2019**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1309/2019 JZM fl-ismijiet :**

**Felix Mifsud ID Nru : 534464M**

***kontra***

**Agenzija ghall-Infrastruttura Malta**

***u***

**Bonnici Bros Ltd**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrent ipprezenta rikors fis-27 ta` Settembru 2019 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab il-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("**il-Mandat**") kontra l-intimati.

Fis-27 ta` Settembru 2019, tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati, b`ghaxart ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta ta` nhar il-Hamis 17 ta` Ottubru 2019.

L-intimati pprezentaw risposta fis-7 ta` Ottubru 2019 fejn ikkontestaw il-fondatezza tat-talba ghall-hrug tal-Mandat kemm ghal ragunijiet ta` dritt kif ukoll ta` fatt.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent, ta` Jeffrey Formosa u tal-Perit Walter Portelli fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2019 u rat id-dokumenti li kienu prezentati bhala prova fil-kors tal-udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-udjenza tal-21 ta` Ottubru 2019.

Ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Rat l-atti l-ohra.

## II. It-talba

Ir-rikorrent **talab** lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat kontra l-intimati sabiex jinzammu milli :-

***jipprocedu bit-tnehhija tal-banka tal-lottu 177 u l-kumplament tal-bankina fejn hija tinsab u cioe` gewwa Triq il-Mitjar, Luqa.***

## III. Il-kwistjoni

**Fil-qosor** il-kwistjoni mertu tar-rikors odjern hija li r-rikorrent jiggestiixi banka tal-lottu maghmula mill-aluminium li tinsab imqeghda fuq bankina pubblika go Hal-Luqa (ara r-ritratti minn fol 25 et seq).

Fiz-zona bdew xogholijiet mill-intimati ntizi sabiex tigi agevolata u tithaffef ic-cirkolazzjoni tat-traffiku. Ix-xogholijiet jinkludu t-tnehhija tal-bankina fejn hemm il-banka tal-lottu in kwistjoni sabiex minflok tinholoq karreggjata gdida ghat-traffiku. Lir-rikorrent kien offrut sit alternattiv fejn tkun tista` tmur il-banka tal-lottu izda rrifjuta principalment ghal ragunijiet ta` sigurta` u jinsisti li l-banka tibqa` fejn tinsab illum. Il-pretensjoni tar-rikorrent qeghda tkun kontestata mill-intimati.

## IV. <u>Dritt</u>

Id-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum hija l-**<u>Art 873 tal-Kap 12</u>**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti ("***<u>m`ghandhiex</u>***") u allura hija prekluza *ope legis* milli tordna l-hrug tal-Mandat, <u>sakemm</u> ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;

ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet ;

iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li jgarrab ir-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

## V. <u>Gurisprudenza</u>

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti **hija obbligata** tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**Xuereb noe vs Hili noe**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**VI. Risultanzi**

**Mit-tliet rekwiziti, il-Qorti sejra tistharreg *in primis* jekk jirrizultax il-jedd *prima facie* tar-rikorrent li jitlob il-hrug tal-Mandat.**

**Sejra tissofferma fuq dan ir-rekwizit ghaliex jekk issib li ma jirrizultax, ikun ghal kollox ezercizzju nutili li tqis ir-rekwiziti l-ohra ladarba r-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jkompli jfisser illi jekk imqar wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata li ma tordnax il-hrug tal-Mandat.**

**Fil-kors tad-dibattiment qamet kwistjoni dwar fejn tinsab il-banka tal-lottu de qua, u cioe` tinsabx fi Triq il-Mitjar (kif jikkontendi r-rikorrent) jew inkella hijiex qeghda fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa (kif ighidu l-intimati).**

**Din il-Qorti tghid illi dan huwa biss <u>dettall ghal kollox irrilevanti</u> ghall-fini ta` dan il-procediment, ghaliex mhuwiex kontestat li fl-akkwati, li kienu ben identifikati, sahansitra bi pjanti, hemm biss il-banka tal-lottu de qua, kif ukoll hija l-unika fiz-zona li tinsab fuq bankina pubblika.**

**Sorvolat dan id-dettall, il-Qorti tmur ghall-qofol tal-kwistjoni ta` dritt.**

**Ghalkemm jirrizulta bhala fatt li l-banka hija oggett li jinsab fuq art pubblika, ir-rikorrent jikkontendi li ghandu jedd *prima facie* li jitlob il-hrug tal-mandat ghaliex isostni li l-banka ilha fis-sit ghal aktar minn erbghin sena. Kienet hemm sitwata meta kienet ghand haddiehor u baqghet fl-istess sit meta ghaddiet ghand ir-rikorrent fl-2014. Skont ir-rikorrent, il-konsegwenza ta` dan hija li ladarba mhuwiex kontestat li huwa *lotto receiver* debitament licenzjat mid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, abbinat ma` dik il-banka tal-lottu, dak il-fatt jaghtih dritt akkwisit li l-banka tibqa` fejn hi llum.**

**Il-Qorti tqis bhala legalment insostenibbli din il-pretensjoni li ghamel ir-rikorrent sabiex isostni r-rekwizit tal-jedd *prima facie.***

**Tghid dan ghaliex kif diga` kien rilevat aktar kmieni l-jedd tar-rikorrent li jitlob il-hrug tal-Mandat, anke jekk *prima facie* jrid ikun <u>oggettiv</u> mhux soggettiv ; jew hemm dritt jew ma hemmx.**

**Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tghid illi ma <u>hemmx dan il-jedd oggettiv.</u>**

**Il-licenzja, permess jew awtorizzazzjoni li ghandu r-rikorrent hija li jagixxi bhala *lotto receiver* abbinat mal-banka tal-lottu 177. Tkunx dik il-banka sitwata go sit minflok iehor ma jincidix fuq ir-rwol li ghandu r-rikorrent.**

**Il-pern tal-kwistjoni hija jekk il-gestur tal-banka kisibx xi dritt akkwizit *prima facie* ghaliex il-banka ilha snin twal fil-post.**

**Din il-Qorti tesprimi ruhha fin-negattiv.**

**Il-gestjoni tal-banka minn sit pubbliku ma jaghtix lill-gestur dritt fuq il-post fejn tkun tinsab il-banka dment li ma jkunx ikkonforma ruhhu mal-ligijiet tal-pajjiz, fil-kaz odjern sakemm ma jkunx irregola ruhu mal-Awtorita` tal-Ippjanar u mal-Awtorita`tal-Artijiet.**

**Kienet esebita korrispondenza fejn ir-rikorrent inghata l-opportunita` li jirregola ruhu u minflok ghazel li jzomm l-*status quo.***

**Gara ghalhekk li r-rikorrent kien <u>tollerat</u> fis-sit fejn kien mill-awtoritajiet pubblici.**

**Issa li dak l-istat ta` tolleranza kellu jitwarrab minhabba esigenzi ta` interess pubbliku ma jistax ir-rikorrent isawwar il-pretensjoni tieghu fuq dritt akkwisit li ma kellux.**

**Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tikkonferma li oggettivament ma hemmx ir-rekwizit ta` l-jedd *prima facie.***

**Ladarba rrizulta karenti dan ir-rekwizit, il-Qorti mhijiex sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tar-rekwiziti l-ohra.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi, billi filwaqt li qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tas-27 ta` Settembru 2019 safejn laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, qeghda tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat. Tordna li l-ispejjez tal-procediment ghandhom jithallsu mir-rikorrent.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**